MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2013

Numru 27/2013

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Borg)**
**vs**
**Lorenzo Cotti**
**Mattia Biondi**
**Giocomo Rocco**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Lorenzo Cotti** ta' 31 sena, bin Claudio u Louisa nee' Martinelli, mwieled San Giovanni de Persiceto, Bologna nhar il-11 ta' Mejju, 1981, residenti 'Via Monte Fiorino 8, Di Stato Libero, San Giovanni di Persiceto, Bologna, Italja u detentur tal-karta ta' l-identita' Taljana numru AT 0992823;

**Mattia Biondi** ta 21 sena, bin Maurizio u Louisa nee Capponcelli, imwieled San Giovanni de Persiceto, Bologna nhar il-25 ta’ Settembru, 1991, residenti Via Carracci 30, Di Stato Libero, San Giovanni de Persiceto, Bologna, Italja u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Taljana numru AS 8905690;

**Giacomo Rocco** ta’ 29 sena, bin Louigi u Rosa nee Letteriello, imwieled Eboli Salerno nhar it-13 ta’ Gunju, 1983, residenti Via Lunga 32, Di Stato Libero, San Giovanni di Persiceto, Bologna, Italja u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Tajlana numru AS 4222691.

Talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-12 ta’ Jannar, 2013, gewwa Paceville u matul il-granet ta’ qabel din id-data, f’diversi postijiet diversi madwar Malta;

Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienux fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex l-imputati jitressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali biex iwiegebu ghall-akkuza kontra

taghhom ghal ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tal-llum;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuza tirrizulta pruvata u ghalhekk issib lill-imputati hatja tal-akkuza kif dedotti kontra taghhom;

Wara li rat l-artikoli tat-taqsima IV u VI tal-Kapitolu 101 u partikolarment l-artikolu 22 tal-istess Kap u r-regolamenti GN 292/1939 kif emendati;

Wara li hadet kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputati.

Taqta' u tiddeciedi billi tiillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jghamlux rejat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti fehmet lill-imputat l-obbligi taghhom naxxenti minn din is-sentenza;

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita u tinnomina ghal dan l-iskop lill-Ixjenzat Godwin Sammut, kif ukoll il-konfiska tal-€5 esebita.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------